# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Erbatax (14) ta' Diċembru 2023**

**Rikors Numru 562/2023 FDP**

Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv
Nru 1489/2022 fl-ismijiet

**Lino Farrugia (ID 453768M) u Josephine Ann Farrugia (ID 288568M)**

**Vs**

**Ronnie Farrugia (ID 23864M) u Louise Farrugia (113566M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 17 ta' Mejju 2023, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu s-segwenti:

*Illi qabelxejn l-Esponenti jagħmlu referenza fl-ewwel lok għas-sentenza li llum għaddiet in ġudikat datata 22 ta' Ġunju 2022 tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet 'Ronnie u Louise konjuġi Farrugia vs Lino u Josephine Ann konjuġi Farrugia'.*

*Illi l-Esponenti dejjem riedu jonoraw minnufih dak li ġie deċiż f'tali sentenza u dana mingħajr riserva;*

*Illi ġara illi fil-mori tal-proċeduri u qabel is-sentenza finali, il-partijiet qablu li jħallu għand l-Avukati s-somma komplessiva ta' sebgħin elf Ewro [EUR70,000] u dana billi kull parti toħroġ is-somma ta' ħamsa u tletin elf Ewro [EUR 35,000] u dana sabiex jibqgħu jitħallsu kontijiet li kien hemm il-ħtieġa li jitħallsu in konnessjoni mas-sħubija tagħhom;*

*Illi l-partijiet ħallew dan il-flejjes f'kontijiet bankarji intestati lill-Avukati tagħhom, dak iż-żmien l-Avukat Dr. Matthew Bondin għall-Esponenti u l-Avukat Dr. Louis Bianchi għall-Intimati fil-proċeduri odjerni;*

*Illi minn din is-somma ta' EUR 70,000, intefqet is-somma ta' sbatax-il elf Ewro [EUR 17,000] għal dan il-għan li minn skambji voluminużi u fuq medda ta' żmien li għaddew bejn il-partijiet, huwa ċar li l-partijiet qed jaqblu fuq is-somma minfuqa u fejn din intefqet;*

*Illi sa llum u safejn jafu l-Esponenti, is-somma rimanenti u ċioe' dik ta' tlieta u ħamsin elf Ewro [EUR 53,000] għadha f'kontijiet tal-Avukati hawn fuq imsemmija;*

*Illi dak li mhux qed jaqblu fuqu l-Esponenti hija t-teżi tal-Intimati li huma għandhom jitħallsu dak li hemm fis-sentenza, iżda jieħdu wkoll nofs is-somma kollha li ġiet iddepositata għand l-Avukati u għalhekk jieħdu s-somma ulterjuri ta' ħamsa u tletin elf Ewro [EUR 35,000];*

*Illi l-Esponenti qed jikkontendu li s-somma li baqgħet u ċioe' dik ta' EUR 53,000 għandha tinqasam fi kwoti ugwali bejn il-partijiet u dana stante din is-somma qatt ma kien hemm deċiżjoni dwarha u kif din għandha tinqasam fil-proċeduri li ġew deċizi b'mod finali u definittiv u li in segwitu għalihom, inħareġ il-mandat eżekuttiv kontestat;*

*Illi dan in-nuqqas ta' qbil wassal sabiex l-intimati ntavolaw il-Mandat 'de quo' meta kien ċar li kien hemm fondi suffiċjenti ġja' iddepositati sabiex l-Intimati jitħallsu dak kollu li qed jitolbu fl-imsemmi Mandat;*

*Illi, mingħajr preġudizzju għall-posizzjoni tar-Rikorrenti-Eżekutati, u biss għall-grazzja tal-argument anke jekk jitħallas il-Mandat, is-somma ulterjuri pretiża mill-Intimati ta' EUR 35,000 hija wkoll iddepositata mal-Avukati li għandhom iddepożitati magħhom is-somma ta' EUR 53,000 u ċioe EUR 18,000 oltre l-imsemmija EUR 35000 pretiżi (abbużivament) mill-Eżekutanti.*

*Illi għalhekk l-Esponenti jinsistu li s-somma ta' EUR 70,000 li ħarġu l-partijiet u li minnha informati li baqa' is-somma ta' EUR 53,000 ma kienet qatt parti tas-sentenza li llum, għaddiet in ġudikat. Dan jidher ċar mis-sentenza u mod partikolari mill-'parte decide' tagħha. Imkien ma' din is-sentenza ħadet in konsiderazzjoni din is-somma fil-komputazzjonijiet tagħha. Lanqas ma tirriżulta din is-somma fir-Rapport tal-Espert Komputista li ġie innominat fl-istess kawża. Għalhekk kif jistgħu l-Intimati bid-dovut rispett jargumentaw li dak li ġie deċiż japplika għal din is-somma!*

*Illi minn dan kollu joħroġ b'mod palesi l-mod abbużiv li ħareġ il-Mandat 'de quo' fil-konfront tal-Esponenti u tħalla in vigore għal ċirca sitt [6] xhur, meta mill-ewwel l-Esponenti kienu indikaw li hemm flus disponibbli għand l-Avukati tal-partijiet stess sabiex jitħallas b'mod sħiħ tali Mandat;*

*Illi tajjeb li jingħad ukoll li l-imsemmi Mandat laqat il-paga kollha tar-Rikorrent Ronnie Farrugia bi preġudizzju kbir għalih u li dan il-Mandat kien intiż appuntu sabiex joħloq dan ir-riżultat. Dan sar bi ksur manifest tad-drittijiet tal-kreditu eżekutant taħt il-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;*

*Illi l-Esponenti jagħmlu riferenza għall-ittra ġudizzjarja mressqa minnhom fil-konfront tal-Intimati datata 13/1/2023 [Dok. ‘RF2’] fejn interpellaw lill-Intimati sabiex huma jitħallsu s-somma skont il-Mandat Eżekuttiv mill-flus li hemm iddepożitati u jsir il-kontro-mandat opportun b’mod immedjat u s-somma rimanenti tiġi iddepożitata taħt l-awtorita’ tal-Qorti sabiex okkorrendo din tiddeċiedi l-punt ta’ kontestazzjoni dwar il-bilanċ tas-somma depożitata;*

*Illi dan kien tentattiv prattiku da parti tal-Esponenti sabiex tibda tiġi riżolta din il-vertenza u primarjament sabiex l-Intimati jitħallsu dak li kellhom jitħallsu skont il-Mandat u jsir il-kontro-mandat opportun għall-Mandat ‘de quo’;*

*Illi madanakollu l-Intimati baqgħu inadempjenti u b’atteġġjament mhux raġjonevoli f’dan ir-rigward;*

*Illi għalhekk wara dan iż-żmien kollu li fih l-Esponenti ppruvaw isibu soluzzjoni sħiħa għal dan kollu huma ma baqgħalhomx triq oħra għajr li jintavolaw din il-proċedura sabiex jiġi revokat b’mod sħiħ l-Mandat bin-Numru 1489/2022 fl-ismijiet premessi stante li l-kredituri-eżekutanti għandhom ampjament minn fejn jitħallsu u hija biss fuq għażla tagħhom stess li huma baqgħu ma tħallsux;*

*Għaldaqstant ir-Rikorrenti-Eżekutati qegħdin, għar-raġunijiet hawn fuq premessi u a tenur tal- Artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tħassar, tirrevoka u tikkanċella ‘in toto’ il-Mandat ta’ Sekwestru Eżekuttiv fl-ismijiet hawn fuq premessi u bin-Numru 1489/2022.*

*Salv kull provvediment ieħor li jogħġobha tagħti din il-Qorti fiċ-ċirkostanzi.*

*Bl-ispejjeż u b’riserva għal kwalsiasi azzjoni oħra spettanti lir-Rikorrenti-Eżekutati fil-konfront tal-Intimati-Eżekutanti.*

2. Rat illi fit-18 ta’ Mejju 2023 il-Qorti ordnat in-notifika lil-kontro parti b’ġimgħatejn żmien għar-risposta.

3. Rat illi fit-30 ta’ Mejju 2023, l-intimati laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiża:

*1. Illi <u>in linea preliminari,</u> jiġi rilevat bir-rispett illi r-rikors imressaq mir-rikorrent huwa rritu u null in kwantu mandat eżekuttiv ma jistax jiġi attakkat jew revokat b'sempliċi rikors iżda permezz ta' kawża ad hoc u għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talbiet u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dan ir-rikors;*

*2. Illi 1-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, illi għab-bażi tiegħu r-rikorrenti Ronnie Farrugia u Louise Farrugia qegħdin isejsu l-proċediment tal-lum, jistabilixxi hekk:-*

> *"(1) Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-ligi."*

*3. Illi, kif ġie ribadit minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ "Edward Pace v Michael Sultana" (PA JRM - Rik 287/05 - deċ fil-5 ta' Mejju 2005) "Illi l-liġi ma tgħidx x'tista' tkun "raġuni valida skont il-liġi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in ġenerali, <u>jista' jingħad li mandat jista' biss jiġi attakkat kemm-il darba jkun inħareġ minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma</u> (ara wkoll Joseph Spiteri vs Anthony Perry et) digriet interlokutorju PA AJM 14.11.1994)". Kif qalet il-Qorti fil- kawża HSBC Bank Malta P.l.c. (C- 3177) vs Doris Conchin (Rikors Numru. 633/2011) deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili mill-Imħallef Joseph R. Micallef fit-28 ta' Lulju, 2011 u ikkonfermata fl-appell: "l-għan li għaliha ddaħħlet il-proċedura taħt l-artikolu 281 fil-Kodiċi tal-Proċedura <u>huwa marbut ma’ xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu li, bis-saħħa tiegħu, l-parti eżekutata tbagħti preġudizzju</u>. Għalhekk ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu, li bis-saħħa tiegħu l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 281 jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra";*

4. *Illi min irid jattakka l-eżekuzzjoni ta' Mandat, irid jagħmel dan billi jmexxi bil-proċedura normali maħsuba fil-liġi li tinbeda bir-rikors maħluf ai termini ta' l-Artikolu 156 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, hekk kif qalet il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet Bay Street Holdings Limited (C-120858) vs Walter Zammit Cachia et (Rikors Numru. 235/2009) deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili mill-Imħallef Joseph R. Micallef fis-7 ta' April, 2009: "Illi l-prattika stabbilita, mbagħad, hi li min irid jattakka l-eżekuzzjoni ta' Mandat, irid jagħmel dan billi jmexxi bil-proċedura normali maħsuba fil-liġi. Illum, il-ġurnata din il-proċedura hija azzjoni li tinbeda b'Rikors Maħluf. Hawn ukoll, ir-rikors imressaq f’din il-kawża, mhux biss m'huwiex wieħed maħluf, imma jonqos f’partijiet essenzjali tiegħu mill-forma stabbilita fl-artikolu 156 tal-Kodiċi tal-Proċedura." Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet Anthony sive Antoine Vassallo et vs HSBC Bank Malta plc (Rikors Numru. 1228/2010) deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili mill-Imħallef Mark Chetcuti nhar l-4 ta' Ottubru, 2011.*

5. *Dan kollu ġie konfermat mill-Qorti tal-Appell Superjuri fis-sentenza tagħha tat-13 ta' Lulju 2018 fl-ismijiet l-Avukat Dottor Robert Zammit vs Pierre Falzon et (Rikors Numru 386/18) li fiha dik il-Qorti, iddeċidiet hekk:*

> *"Il-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati fir-rigward issa hija ċara u kostanti. Fis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Mejju 2005 fil-kawża Pace v. Sultana intqal li:*
>
> *Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-għan li għaliha ddaħħlet din id-dispożizzjoni fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-saħħa tiegħu, l-parti eżekutata tbati preġudizzju. Minn dak li jirriżulta minn eżami tad-dibattiti parlamentari li wasslu għad-dħul tal-imsemmi artikolu fil-Kodiċi, ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283A jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra;*
>
> *Illi l-liġi ma tgħidx x’tista’ tkun “raġuni valida skond il-liġi”, li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in ġenerali, jista’ jingħad li mandat jista’ biss jiġi attakkat kemm-il darba jkun inħareġ minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma. Meta l-liġi riedet tfisser f’liema ċirkostanzi jista’ jintalab il-ħruġ ta’ Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b’reqqa, per eżempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu ta’ l-kawża preżenti m’huwiex Mandat kawtelatorju;*
>
> *Għandu jiġi enfasizzat għalhekk, illi fi proċeduri bħal dawk odjerni, il-Qorti hija prekluża milli tqis il-mertu tal-kreditu eżistenti bejn il-partijiet (ara s sentenzi miġbura fis-sentenza Zammit noe v. Ellis noe, 15 ta' Diċembru 2015). Kif elaborat il-Qorti fil-fuq ċitata sentenza Pace v. Sultana: "ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ." Is-setgħa tal-Qorti f'talba ta' din ix-xorta hija limitata għall-eżami pjuttost formali tal-mandat de quo b'dana illi l-istess qorti hija prekluża milli tmur oltre mid-dettami tal-formalitajiet imposti mill-Art 274 tal-Kap.12.*

*Il-Qorti tal-Appell għamlet referenza wkoll għal sentenza oħra tagħha fl-ismijiet Geomike Ltd v. Borg (29 ta' Mejju 2015) fl-ismijijiet A.A.S.K Enterprises Ltd v. MORE Supermarkets (Fgura) Ltd, deċiża fit-12 Frar 2015:*

> *Fil-każ tal-lum, din il-Qorti hija tal-fehma li fil-ħruġ tal-Mandat ma kien hemm xejn irregolari jew abbużiv. L-argument tar-rikorrenti li l-eżekuzzjoni tal-Mandat fuq ħwejjeġ li - skond ir-*

> *rikorrenti - qegħdin jagħmlu tajjeb għall-kreditu li tgħid li għandha kontra l-eżekutata u li - skond hi - jgawdu privileġġ aqwa minn dak tal-intimata ma għandu jkollu l-ebda effett fuq is-siwi tal-Mandat innifsu. Jekk ir-rikorrenti tassew jidhrilha li għandha jedd tattakka l-eżekuzzjoni tal-Mandat, din tal-lum mhijiex il-proċedura li kellha tittenta. Aċċertat illi kienu osservati r-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat, li jfisser li l-Mandat huwa regolari, ir-rikorrenti ma għandhiex il-jedd li sabiex tattakka l-eżekuzzjoni tal-Mandat, tipprova tgħid li l-Mandat ma jiswiex. Indipendentement minn kull kwistjoni ta` mertu, talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta` Mandat ma tistax ssir taħt l-Art 281 tal-Kap 12. Jekk ir-rikorrenti taħseb li għandha raġunijiet biżżejjed sabiex tattakka l-eżekuzzjoni tal-Mandat, ir-rimedju tagħha mhuwiex il-proċediment speċjali skond l-Art 281 tal-Kap 12 iżda l-proċedura ordinarja bil-preżentata ta` rikors ġuramentat fejn tagħmel il-każ tagħha u ġġib ir-raġunijiet kollha li għamlet fil-proċediment tal-lum – u li kienu opposti fil-mertu tagħhom mill-intimata.*

*Is-sentenza ta' din il-Qorti kif preseduta appena ċitata (Geomike v. Borg) kompliet tgħid illi:*

> *"Din hi l-pozizzjoni korretta, kif ġie ribadit fis-sentenzi fost oħrajn, deċiżi mill-istess Qorti fil-kawżi Tolio v. Komarzynic deċiża fit-28 ta' Mejju 1999, Bay Street Holdings Ltd v. Zammit Cachia, deċiża fis-7 ta' April 2009, Joseph Said Ltd v. Agius deċiża fit-18 ta' Ġunju 2014 u Vassallo v. HSBC Bank Malta PlC, deċiża fl-4 ta' Ottubru 2011.*
>
> *"Min irid jattakka l-eżekuzzjoni ta' mandat irid jagħmel dan billi jmexxi bil-proċedura normali maħsuba fil-liġi li tinbeda bir-rikors maħluf ai terminu tal-Artikolu 756 tal-imsemmi Kap. 12. "*

6. *Dawn is-sentenza huma tant ċari fir-rigward li jitkellmu waħedhom. Minn din il-każistika joħroġ ċar li r-rikors intavolat mir-rikorrenti huwa irritu u null għaliex ma jsegwix il-proċedura korretta. Ladarba ma ġiex allegat li l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv impunjat għandu xi difett fil-forma tiegħu jew xi nuqqas proċedurali, ir-rikors m'għandux bażi legali.*

7. *Illi, <u>in meritu u dejjem bla preġudizzju għall-premess,</u> jiġi rilevat bir-rispett illi l-esponenti ġew kanonizzati kredituri tar-rikorrenti Ronnie Farrugia u Louise Farrugia permezz ta' sentenza mogħtija fit-22 ta' Ġunju 2022 fis-somma ta' €11,455.44 u dana skont id-decide tas-sentenza eżebita mar-rikors promutur, bl-imgħax mid-data tas-sentenza, oltre l-ispejjeż tal-kawża b'dan li l-ispejjeż tal-kontrotalba jinqasmu nofs bin-nofs;*

8. *Illi minkejja li din is-sentenza għaddiet in ġudikat, ir-rikorrenti Ronnie Farrugia u Louise Farrugia baqgħu ma ħallsux dak minnhom dovut u kienu għalhekk kostretti l-esponenti sabiex iressqu l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv odjern;*

9. *Illi l-insistenza li l-esponenti jitħallsu l-kreditu kanonizzat tagħhom mill-bilanċ tal-ammont li jinstab depożitat f'kont bankarju intestat lill-Avukati Matthew Bondin (għar-rikorrenti Ronnie Farrugia u Louise Farrugia) u l-avukat Louis Bianchi (għall-esponenti) ma huwiex ġustifikat u dana għar-raġuni li jissollevaw ir-rikorrenti stess li dwar dan id-depożitu m'hemmx deċiżjoni tal-Qorti;*

10. *Illi dak li qed jittentaw abbużivament jagħmlu r-rikorrenti huwa li jottjenu ġudizzju dwar dan id-depożitu minn dan il-proċediment;*

11. *Illi tajjeb li jiġi rilevat illi l-ammont oriġinalii ta' EUR70,000 kien ġie depożitat nofs bin-nofs bejn il-kontendenti, mhux - kif allegat mir-rikorrenti - sabiex jagħmel tajjeb għal kontijiet li kien hemm il-ħtieġa jitħallsu in konnessjoni mas-sħubija tagħhom, iżda sabiex ikun hemm garanzija suffiċjenti li tagħmel tajjeb għal krediti li jistgħu jirriżultaw dovuti mal-eżitu tas-sentenza. Fid-digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fit-12 ta' Ottubru 2015 (DOK A) jistabilixxi li din is-somma ta' EUR70,000 tista' tiġi żbankata "biss bi ftehim bejn il-partijiet jew b'ordni tal-Qorti jew sentenza finali skond l-eżitu tal-istess sentenza".*

12. *Issa l-fatt li matul il-perkors tal-kawża saru ħlasijiet minn dan il-kont bankarju fl-ammont komplessiv ta' EUR18,655.65 seħħ unikament minħabba l-intransiġenza tar-rikorrenti li naqsu li jwettqu pagamenti li kien messhom għamlu u kienu tenuti li jwettqu, fosthom tal-perit komputista maħtur mill-Qorti li r-rikorrenti naqsu milli jħallsu sehemhom mid-drittijiet dovuti lilhom (ara rikors u risposta DOK B) u kontijiet tal-ARMS li l-esponenti kellhom jaċċettaw li jitħallsu mid-depożitu għaliex kienu qegħdin jirriskjaw li, b'konsegwenza tan-nuqqas tar-rikorrenti, tiġi maqtugħa l-provvista tal-elettriku tar-residenza tagħhom. Dan pero ma jista bl-ebda mod jippreġudika l-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Qorti fis-sentenza tagħha rigward min, fl-aħħar minn l-aħħar, huwa tenut li jħallas lil min.*

13. *Issa, ladarba s-sentenza stabbiliet illi huma r-rikorrenti Ronnie u Louise Farrugia debituri tal-esponenti, l-ammont stabbilit fis-sentenza għandu jitħallas u flimkien miegħu għandu jitħallas s-sehem fl-intier tiegħu li kienu ddepożitaw l-esponenti fis-somma ta' EUR35,000 fil-kont bankarju imsemmi.*

14. *Il-pretensjoni tar-rikorrenti li l-esponenti jitħallsu l-kreditu kanonizzat tagħhom mill-ammont bilanċjali depożitat mal-avukati tal-partijiet għaliex hemm fondi fih suffiċjenti sabiex isir il-ħlas dovut hija, għal kollox, inġustifikata għaliex dan ikun xejn aktar minn arrikkiment indebitu - dak li jridu r-rikorrenti huwa li l-kreditu kanonizzat favur l-esponenti jiġi saldat minn flushom stess! Tajjeb li jiġi puntwalizzat li l-esponenti dejjem kienu disposti li jieħdu s-sehem intier tagħhom tal-ammont depożitat ċioe dak ta' EUR35,000, jitħallsu l-kreditu kanonizzat tagħhom mir-rikorrenti u jiġi rilaxxat il-bilanċ lir-rikorrenti.*

15. *Ir-rifjut tar-rikorrenti li, rinfaċċjati b'sentenza li għaddiet in ġudikat, jibqgħu jippersistu li ma jħallsux id-debiti dovuti minnhom u oltre dan jirrifjutaw li jirrilaxxaw is-sehem fl-intier tal-esponenti mill-ammont bilanċjali depożitat*

*mal-avukati tal-partijiet huwa sintomatiku tal-aġir tar-rikorrenti li, akkost ta' kollox, m'huma disposti qatt li jonoraw bl-ebda mod l-obbligi tagħhom;*

16. *Illi fl-aħħar nett għar-rigward tal-allegazzjoni li l-paga kollha tar-rikorrenti Ronnie Farrugia hija kolpita bil-mandat eżekuttiv, għandu jingħad illi l-esponenti eżekutanti ma talbux il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv fuq il-paga tar-rikorrenti eżekutat. F'kull każ tapplika ir-regola stabbilita fl-artikolu 382(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li bis-saħħa tiegħu l-paga tista' tiġi kolpita fuq kull ammont li jaqbeż is-somma ta' sitt mija u tmienja u disgħin euro u wieħed u tmenin ċenteżmi (€ 698.81) kull xahar. Għalhekk ma jistax jingħad li bil-mandat ta' sekwestru qiegħda tintlaqat il-paga kollha tar-rikorrenti Ronnie Farrugia. F'kull każ, jirriżulta li wara l-mandat in kwistjoni ġiet preżentata ċedola waħda da parti tal-Bank of Valletta plc (cedola numru 2303/22, li kopja tagħha qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata DOK C) u ma ġew preżentati ebda ċedoli da parti ta' Jeffs Pastizzeria, il-prinċipal tar-rikorrenti Ronnie Farrugia;*

17. *Fid-dawl ta' dak suespost, l-esponenti jitolbu bil-qima sabiex din l-Onorabbli Qorti tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti, u tiddikjara li l-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv huwa validu u effettiv ai finijiet u t-termini kollha tal-Liġi.*

4. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentata mill-partijiet mal-atti fuq imsemmija.

5. Rat illi fil-31 ta' Mejju 2023 ir-rikors ġie appuntat għat-trattazzjoni finali għat-12 ta' Ġunju 2023.

6. Rat illi fit-12 ta' Ġunju 2023, wara li semgħet il-partijiet jittrattaw, il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-kawża 1109/10 filwaqt illi awtorizzat lill-partijiet iressqu xhieda viva voce fis-seduta li jmiss.

7. Rat li l-atti tal-kawża 1109/2010 deċiża fit-22 ta' Ġunju 2022 ġew allegati mal-atti odjerni.

8. Rat l-affidavit ta' **Ronnie Farrugia** ippreżentat fil-21 ta' Novembru 2023 flimkien ma' dokumentazzjoni.

9. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Ronnie Farrugia illi saret fil-21 ta' Novembru 2023.

10. Semgħet x-xhieda in eżami u kontro eżami ta' Dr Louis Bianchi illi ngħatat fil-21 ta' Novembru 2023.

11. Semgħet ix-xhieda in eżami u kontro eżami ta' Lino Farrugia illi ngħatat fil-21 ta' Novembru 2023 kif ukoll rat id-dokumentazzjoni minnu ppreżentata.

12. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fit-23 ta' Novembru 2023, wara liema trattazzjoni ir-rikors kien differit għal-lum għas-sentenza.

**Fatti**

13. Jirriżulta illi l-partijiet lkoll aħwa Farrugia kellhom negozju tal-pastizzi bejniethom, liema negozju spiċċa fis-sena 2008 u d-differenzi ta' bejniethom wasslet sabiex, fid-29 ta' Ottubru 2010, tinfetaħ kawża mir-rikorrent odjern fl-ismijiet 'Ronnie u Louise konjuġi Farrugia vs Lino u Josephine Ann konjuġi Farrugia', Rikors Ġuramentat Nru 1109/2010, li għaliha l-intimati odjerni għamlu wkoll kontro talba.

14. Jirriżulta illi, eventwalment fit-22 ta' Ġunju 2022, ingħatat sentenza finali fejn, bl-assistenza ta' Perit Komputista, ġiet likwidata s-sħubija ta' bejn l-aħwa kontendenti u ġew likwidati s-somom dovuti lil kull wieħed mill-partijiet.

15. Jirriżulta illi f'tali sentenza, il-Qorti, wara illi għamlet rendikont tar-rapport tal-Perit Komputista illi kien daħal fid-dettall ta' kull pretenzjoni ta' kull parti, kienet għamlet is-segwenti "***ri-epilogu***" li wassal għal deċiżjoni finali. Dana kien jgħid dan li ġej:

> *L-ammont totali li jmissu lil atturi huwa ta' €23,957.14.*
>
> *L-ammont totali li jmisshom il-konvenuti huwa ta' €26,585.67, oltre €8,826.91 rappreżentanti kumpens għall-użu tal-ħanut, li b'kollox iwasslu għal total ta' €35,412.58.*
>
> *Il-konvenuti għandhom jieħdu €11,455.44 mingħand l-atturi.*

16. Jirriżulta wkoll illi l-Qorti wkoll, fil-konsiderazzjonijiet dwar il-"**Fatti li tawh lok għal din il-kawża**" osservat ukoll illi :

> *Il-kontendenti kienu iddepożitaw kull wieħed is-somma ta' €35,000 għand l-avukat bħala garanzija għal ħlas ta' xi bilanċ li jista' jkun dovut wara li tinqata` l-kawża.*

17. Jirriżulta illi s-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2022 ma ġietx appellata w għalhekk hija res ġudikata.

18. Jirriżulta illi permezz ta' Mandat ta' Sekwestru Nru 1489/22, l-intimati odjerni Lino Farrugia u Josephine Ann Farrugia ħarġu Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv fil-konfront tar-rikorrenti odjerni Ronnie Farrugia u Louise Farrugia, fejn talbu għall-ħlas ta' l-ammont komplessiv ta' €16,076.22 li jinkludi kemm is-sorte ta' €11,455.44 kif ukoll spejjeż u imgħax.

19. Jirriżulta illi, permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrenti Ronnie Farrugia u Louise Farrugia qed jitolbu r-revoka ta' tali Mandat ta' Sekwestru stante illi jikkontendu illi hemm flejjes depositati bejn il-partijiet illi għandhom jagħmlu tajjeb għal kwalsiasi ammont dovut.

20. Jirriżulta illi l-intimati odjerni Lino Farrugia u Josephine Ann Farrugia, fid-difiża tagħhom, jikkontendu illi tali talba għandha tiġi miċħuda, kemm peress illi l-azzjoni odjerna kif intavolata hija rrita u nulla fuq bażi proċedurali stante illi qatt ma setgħet issir permess tal-proċedura kkontemplata fl-Artikolu 281 tal-Kap 12, kif ukoll, fuq il-meritu, peress illi, mis-somma ta' €70,000 oriġinalment despositata f'kont konġunt tal-konsulenti legali tal-partijiet waqt il-mori tal-kawża fuq imsemmija, saru pagamenti fl-

ammont ta' €18,655.65, bir-riżultat illi hemm ammont anqas minn dak oriġinalment depositat, filwaqt illi nsistew illi l-Ewwel Qorti kienet naqset milli tindika kif kellhom jinqasmu tali flejjes u għalhekk kienu qed jippretendu li jieħdu lura s-sehem tagħhom ta' €35,000 filwaqt li kienu qed jinsistu li jitħallsu dak dovut mir-rikorrenti odjerni, ossija €16,076.22.

## Ikkunsidrat

21. Il-Qorti tħoss illi jkun opportun illi tqis, l-ewwel u qabel kollox, id-difiża mqajjma mill-intimati, ossija illi l-azzjoni kif redatta ma setgħetx tiġi kkunsidrata favorevolment minn dina l-Qorti, peress illi azzjoni ta' revoka taħt l-Artikolu 281 kienet waħda ristretta ħafna, intiża biss biex tħassar mandat jew jekk tkun saret quddiem Qorti żbaljata, jew inkella jekk hemm xi difett tal-forma.

22. Il-Qorti tosserva illi l-intimati għamlu referenza għal varji każistika sabiex jikkorroboraw it-teżi tagħhom. Madanakollu, il-Qorti tirrileva illi l-argumentazzjoni imressqa mill-intimat ġiet riċentament mibdula mill-Qorti tal-Appell f'sentenza riċenti fl-ismijiet '**Carmelo sive Charles Bianco vs Jamila Essail**', Appell Nru 921/2021, deċiż fil-25 ta' Jannar 2023, fejn, rinfaċċjata b'argumentazzjoni simili, l-Qorti tal-Appell kellha dan xi tgħid:

> *15. .... Il-Qorti rat li teżisti ġurisprudenza fis-sens li r-rimedju provdut fl-Artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa disponibbli biss fejn ikun il-mandat innifsu li jkun qed jiġi attakkat fuq raġuni ta' nullità tal-mandat għaliex ikun inħareġ minn qorti żbaljata jew għaliex ikun afflit minn xi difett ta' forma. Minn qari ta' din il-ġurisprudenza jidher li din il-linja ta' ħsieb hija bbażata fuq l-argument li mid-dibattiti parlamentari jidher li l-leġislatur ma kellux l-intenzjoni li jibdel dak li qabel kien l-Artikolu 238A li kien jipprovdi rimedju biex jiġi attakkat mandat eżekuttiv meta dan ikun null, u li l-intenzjoni kienet biss li dan ir-rimedju jkun disponibbli wkoll għal terz interessat. Wara li rat id-dibattiti parlamentari in kwistjoni din il-Qorti ma taqbilx ma' din il-pożizzjoni. Huwa minnu li parti kbira mill-iskop ta' din l-emenda kien li terzi interessati jkollhom rimedju effikaċi u spedit meta jiġu milquta minn mandat eżekuttiv fuq il-proprjetà tagħhom. Il-Qorti tqis peró li bl-ebda mod ma jista' jingħad li dan kien l-unika skop tal-leġislatur, jew li minn qari ta' dawn id-dibattiti jirriżulta ċar li l-leġislatur ried li l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 281 tkun disponibbli biss f'każijiet fejn il-mandat ikun inħareġ mill-qorti żbaljata jew ikollu difett fil-forma. Fil-fatt l-eżempju li ngħata bħala spjegazzjoni tal-għan ta' din l-emenda juri li l-leġislatur ma kellux f'moħħu biss iż-żewġ raġunijiet imsemmija meta ddeċieda li jintroduċi dan ir-rimedju, kif jidher mis-segwenti silta:*
>
> *"ONOR. ANGLU FARRUGIA: Jiġifieri ħloqna proċedura biex ma ssirx kawża.*
>
> *ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI: (Ministru tal-Ġustizzja) Għandek raġun. Tajna rimedju iktar malajr u ma bgħatnihx għall-kawża. Għax f'kawża x'jiġri? Mela jien nagħmel il-kawża u l-marixxall qabad l-oġġett, il-marixxall jiġi fid-dubju jekk jaqbdux jew le. Issa jekk il-marixxall jaqbad l-oġġett u tagħmel il-kawża u tiġi deċiża favur tiegħek, jeħilha d-debitur. Fil-qorti l-*

*kreditur qatt ma jiġi akkollat l-ispejjeż, jiġi akkollat l-ispejjeż id-debitur, jiġifieri allura b'dan il-mod iffrankajna ħafna iktar u hawnhekk inti se tidħol għall-mekkaniżmu tat-tassazzjoni ta' rikors u mhux tassazzjoni ta' rikors ġuramentat." [sottolinear ta' din il-Qorti]*

*16. L-eżempju li ngħata fis-silta ċitata huwa ta' sitwazzjoni fejn ma jkunx hemm ċertezza jekk l-oġġett in kwistjoni għandux ikun suġġett għall-eżekuzzjoni tal-mandat in kwistjoni jew le. Din la hija kwistjoni ta' difett fil-forma tal-mandat u lanqas kwistjoni ta' mandat maħruġ minn Qorti żbaljata, iżda xorta waħda jidher li l-leġislatur ried li r-rimedju provdut mill-artikolu 281 ikun applikabbli għal tali sitwazzjoni, sabiex din tkun tista' tiġi rimedjata malajr u b'inqas spejjeż għad-debitur.*

23. Il-Qorti tosserva illi l-intenzjoni tal-leġislatur, meta introduċa l-azzjoni taħt l-Artikolu 281 tal-Kap 12 kien proprju biex jevita li jiġu ppreżentati kawżi inutilment u pprovda sabiex f'każ bħal dak illi għandha quddiemha din il-Qorti, l-kwistjoni tista' tiġi deċiża b'mod spedit u effiċjenti, fl-aħjar interess tal-ġustizzja.

24. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-azzjoni kif redatta mir-rikorrenti hija waħda korretta w għalhekk il-Qorti tista' tgħaddi biex tqis l-argumentazzjoni tar-rikorrent.

**Ikkunsidrat**

25. Jirriżulta illi l-intimati, fid-difiża tagħhom kif ukoll fix-xhieda tagħhom, jikkontendu illi l-ammont kollu illi hemm preżentement ddepożitat fil-kont konġunt, li preżentement jammonta għal €51,344.11 (vide fol 55), għandu jiġi rilaxxjat a favur tagħhom (vide xhieda fol 74) filwaqt illi nsistew illi, in vista tal-oġġezzjoni tar-rikorrent odjern li jaqbel ma' tali asserzjoni, huma intavolaw il-Mandat ta' Sekwestru odjern.

26. Ir-rikorrent, da parte tagħhom, jikkontendu illi mill-ammont bilanċjali fil-kont konġunt fuq imsemmi, l-intimati odjerni għandhom jitħallsu biss dak ordnat mill-Qorti, ossija l-ammont likwidat ta' €11,455.54 flimkien ma' imgħax u spejjeż.

**Ikkunsidrat**

27. Il-Qorti tibda billi tosserva illi l-pendenza illi ghandha quddiemha dina l-Qorti ilha waħda għaddejja sa mis-sena 2008 u, mill-impressjoni illi ngħatat mill-partijiet w il-konsulenti legali tagħha, ċertament ma hijiex ser tispiċċa wara d-deċiżjoni finali ta' dina l-Qorti ta' llum.

28. Tosserva wkoll illi l-kwistjoni kollha tirrigwarda flejjes illi qed jinżammu in konġunt bejn il-konsulent legali ta' l-intimat odjern u l-konsulent legali preċendent tar-rikorrenti odjerni, prassi illi, għalkemm aċċettata mill-partijiet, ċertament ma hijiex waħda illi titqies bħala waħda feliċi u idonea, u li ċertament taf twassal għall-kwistjonijiet legali ulterjuri li ċertament setgħu jiġu evitati.

29. Tirrileva illi l-Qorti, meta għamlet il-konsiderazzjonijiet kollha tagħha, kienet ben a korrent tal-fatt illi kieu ħew depositati bejn il-parijiet is-somma ta' €70,000, u dana, fi kliem il-Qorti stess, "*bħala garanzija għal ħlas ta' xi bilanċ li jista' jkun dovut wara li tinqata` l-kawża"* (vide para 16 fuq).

30. Tirrileva wkoll illi, fil-konsiderazzjonijiet tagħha, kif fuq ġia' riprodotti a para 15, il-Qorti qalet li r-rikorrenti odjerni, ossija Ronnie u Louise Farrugia kellhom jitħallsu €23,957.14 filwaqt illi l-intimati odjerni Lino u Josephine Ann Farrugia kellhom jitħallsu s-somma ta' €35,412.58.

31. Jidher ukoll illi l-Ewwel Qorti, possibbilment sabiex tissimplifika l-affarjiet għall-partijiet fejn pagamenti huma kkonċernati, naqqset l-ammont dovut lir-rikorrent odjern, Ronnie u Lino Farrugia mill-ammont dovut lill Lino u Josephine Ann Farrugia, u kkonkludiet illi għalhekk lil Lino u Josephine Ann Farrugia kellu jitħallas l-ammont ta' €11,455.44.

32. Jidher, iżda, li sfortumanent tali simplifikazzjoni ma għenet xejn u wasslet biss biex il-partijiet ikomplu jtawwlu u jġebbdu s-saga familjari ta' bejniethom sa llum u, l-Qorti tinstab ċerta, illi ser jitkompla jiġġedded għas-snin li ġejjin, peress illi dan ħareġ ċar mix-xhieda kif prodotta!

33. Din il-Qorti tosserva illi s-sentenza mogħtija fit-22 ta' Ġunju 2022 tagħmilha ċara illi mis-sħubija bejn il-partijiet, hemm kif ġiet likwidata bl-assistenza tal-Perit Komputista, l-ammont ta' €23,957.14 huwa dovut lill Ronnie u Louise Farrugia filwaqt illi l-ammont ta' €35,412.58 huwa dovut lil Lino u Josephine Ann Farrugia.

34. Din il-Qorti tirrileva wkoll illi huwa suppost ovvju għal kullħadd illi tali flejjes għandhom jitnaqqsu mill-ammont illi ż-żewġ partijiet fdaw lill-konsulenti legali rispettivi tagħhom ta' dak iż-żmien, fejn illum għad fadal bilanċ ta' €51,344.11.

35. Dan ifisser illi l-intimati Lino u Josephine Ann Farrugia setgħu faċilment jiġbru dak lilhom dovut mill-flejjes bilanċjali preżentement f'idejn il-konsulent legali tagħhom u ma kellhom ebda ħtieġa illi jippreżentaw il-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv meritu tar-rikors odjern.

36. Għalhekk, il-Qorti tqis illi tali Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv qatt ma kellu jiġi ppreżentat w għalhekk it-talba tar-rikorrenti, kif redatta, għandha tiġi milqugħa.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Wara illi semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** t-talba kif dedotta u, konsegwentement:

**Tordna** it-tħassir 'in toto' tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv fl-ismijiet **Lino Farrugia u Josephine Ann Farrugia vs Ronnie Farrugia u Louise Farrugia** bin-Numru 1489/2022 maħruġ fit-8 ta' Novembru 2022.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku ta' l-intimati.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**